# KUNSILL LOKALI SAN GILJAN

## MINUTI

### Laqgħa tal-Kunsill Lokali San Ġiljan

**Laqgħa Nru. 10/K10/25**

Data tal-laqgħa: 14 ta' Jannar 2025

Il-Kunsill Lokali San Ġiljan iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq Forrest, San Ġiljan fl-5.00 ta' filgħaxija.

**Preżenti:**

Guido Dalli – Sindku
Sean Gauci - Viċi Sindku
Mario Amaira – Kunsillier
Victor Vella – Kunsilliera
Patricia Camilleri – Kunsilliera
Carlo Mifsud - Kunsillier
Gabriel Borg Ferrando – Kunsillier
David Caruana - Kunsillier

**Assenti b'Apoloġiji (Skont Ordni Permanenti 14A (0) – (0)**

Rita Dimech Portelli – Kunsilliera

**Assenti:** (0)

**Uffiċjali Preżenti**

Malcolm Agius Muscat– Aġent Segretarju Eżekuttiv
Marilyn Demanuele – Assistant Prinċipal

Preżenza tal-pubbliku – (0)

**Minuti**

**Talba**

Inqrat it-Talba

**Triq Forrest, San Giljan, STJ 2033**
Tel: 21373111 Fax: 21373444
**email:** sangiljan.lc@gov.mt

**10.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;**

10.1.01 Il-Kunsilliera Rita Dimech Portelli talbet li tiġi skużata għal-laqgħa. Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni.

**10.2 Approvazzjoni tal-Minuti**

10.2.01 Iċ-Ċermen ressaq il-Minuti 09/K10/24

10.2.02 Il-Kunsillier Carlo Mifsud talab li jiġu rranġati l-Minuti fir-rigward il-punt 09.03.19 fejn minflok għandha tinkiteb 'dak il-ġnien fejn hemm il-gazebo tal-injam u l-bankijiet fi Triq ta' Giorni' sabiex tkun iktar ċara għal-liema ġnien qed jirreferu.

10.2.03 Fir-rigward il-punt 09.03.19, il-Kunsillier David Caruana talab li minflok il-kliem proposta għandha tinkiteb email. Il-Kunsillier David Caruana ġie nfurmat ukoll li l-art msemmija f'dan il-punt hi tal-Awtorità tal-Artijiet.

10.2.04 Fir-rigward il-punt dwar ir-Richmond Foundation 09.3.14 – il-Kunsillier Gabriel Borg Ferrando talab li tiżdied il-punt li l-Kunsilliera Rita Dimech Portelli ġibdet l-attenzjoni li għandha nimxu mad-Data Protection Act kif ukoll li kien hu li ressaq din il-proposta.

10.2.05 Il-Kunsilliera Patricia Camilleri ġibdet l-attenzjoni li għandha tiġi miżjuda l-kelma ta' wara Gabriel Borg Ferrando fil-punt 09.2.07

10.2.06 Il-Kunsillier Victor Vella talab li fir-rigward il-punt 09.3.29 għandu jiżdied il-punt li din it-talba saret minħabba raġunijiet personali u li din hi talba temporanja.

10.2.07 Il-Kunsillier Carlo Mifsud ippropona l-approvazzjoni tagħhom.

10.2.08 Il-Kunsillier Victor Vella ssekondah.

10.2.09 Il-Kunsill qabel unanimament

10.2.10 Il-Kunsillier Carlo Mifsud għamel riferenza għal Minuti 8 fir-rigward il-proġett tal-Libjani, u talab li r-rapport li hemm mehmuż mal-Minuti bħala Appendiċi 'A' jittela online fuq il-website ukoll. Wara diskussjoni ġie deċiż unanimament li dan ir-rapport flimkien mal-istqarrija li kien għamel il-Kunsill għandhom jitilgħu online fuq il-website.

**10.3 Kommunikazzjoni miċ-Ċermen**

Iċ-Ċermen tkellem dwar:

10.3.01 Il-bye-laws tal-ħamiem kif ukoll tal-awrina tal-klieb, fejn wara li nqraw għal-attenzjoni tal-Kunsill, dawn ġew approvati għalhekk għandu jitkompla l-proċess tagħhom.

10.3.02 Fir-rigward il-bye-law tan-naħal, iċ-Ċermen ġibed l-attenzjoni li s-Sinjura Andrea Borg Brincat, il-manaġer inkarigata mill-ambjent fl-uffiċċju tar-Regjun Lvant, ġibdet l-attenzjoni lill-Kunsill li l-bye-law ma tistax ssir bħala Regjun għalhekk il-Kunsill ta San Ġiljan għandu jikteb lill-Kunsill tas-Swieqi sabiex jiġi ċċekkjat jekk id-draft tal-bye-law jistax jsir bejn iż-żewġ lokalitajiet.

10.3.03 Dwar il-Ġnien Spinola, ċ-Ċermen informa lill-Kunsill li l-proċess min-naħa tat-TZRA waqaf minħabba l-festi u issa ser ikompli sabiex jitqabbad d-designer mit-TZRA fuq l-istess ġnien. Il-Kunsillier Carlo Mifsud issuġġerixxa li minħabba li kien hemm bidla fil-Ministru tat-Turiżmu għandha tintbagħat ittra lill-Ministeru tat-Turiżmu rigward dan il-proġett sabiex il-Kunsill ikun jaf jekk l-permess li hemm preżentement għadux validu għal dan il-ġnien. Il-Kunsillier Mario Amaira ġibed l-attenzjoni li dan il-proġett għandu jsir għal ġid tal-ġiljaniżi u għandu jsir bil-qbil tal-Kunsill Lokali kollu.

10.3.04 Fir-rigward il-korrispondenza dwar il-kumpless Dun Anton Sciberras, il-Kunsill qabel li din il-materja għandha tiġi diskussa waqt laqgħa nformali tal-Kunsill nhar il-Ħamis 23 ta' Jannar 2025 fis-7.00 ta' filgħaxija. Il-Kunsillier David Caruana ġibed l-attenzjoni li għandha tintbagħat l-ittra tal-Avukata fir-rigward il-kumpless Dun Anton Sciberras skont il-Minuti 07.3.08 lill-kunsilliera kollha.

10.3.05 Dwar il-Ġnien Saver Zarb, il-Kunsilliera ġew nfurmati li l-ġnien prattikament hu lest apparti l-grouting fuq il-madum. Il-Kunsill qed jistenna risposta mingħand il-Perit Bezzina fuq kwotazzjoni ta' l-istess grouting. Fuq il-bandli biswit il-ġnien, hemm tender pendenti.

10.3.06 Fir-rigward l-iskemi Finanzjarji, iċ-Ċermen spjega li l-Kunsill għadu qed jistenna risposta jekk l-applikazzjoni għal Karnival f'San Ġiljan ġietx aċċettata. Iċ-Ċermen spjega li jekk l-applikazzjoni tiġi aċċettata, meta l-Kunsill jorganizza din l-attività għandu jinvolvi lis-Sur Natal Falzon biex jgħin f'din l-attività. Dwar l-iskema tal-kultura, ġie deċiż li l-Kunsill ser jagħmel l-attività fil-21 ta' Marzu 2025 fil-Knisja tal-Balluta bl-involviment ta' St. Julians Choral Group.

10.3.07 Il-Kunsill ġie nfurmat li l-ewwel laqgħa tal-Kunsill tat-tfal ser issir nhar il-Erbgħa 22 ta' Jannar 2025 filwaqt li mill-aħħar

informazzjoni li għandu l-Kunsill tfal li applikaw kienu 3 u persuna waħda bħala mentor. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li għandu jsir post fuq Facebook u għandhom jiġu allokati xi fondi sabiex dan il-post jiġi *boosted.*

10.3.08 Dwar l-attivitajiet li l-Kunsill organiżża fi żmien il-Milied iċ-Ċermen informa lill-Kunsill li l-attivitajiet kienu ta' suċċess. Il-Kunsillier Carlo Mifsud irringrazzja lis-Sindku, lill-ħaddiema tal-Kunsill tax-xogħol li għamlu għal din l-attività, lill-membri tas-sotto-kumitat kif ukoll lill dawk kollha li għenu fil-ġurnata sabiex b'hekk din l-attività kienet suċċess. Il-Kunsillier Mifsud xtaq jirringrazzja ukoll lill-Awtorità tat-Turiżmu għall-għajnuna finanzjarja ukoll. Il-Kunsillier Carlo Mifsud ippropona ukoll li min din l-attività l-Kunsill għandu jara x'seta sar aħjar biex b'hekk attivijiet oħra simili jkunu aħjar. Hu ppropona li din l-attività għandha ssir kull sena.

Rigward ic-Charity swim, il-Kunsillier Carlo Mifsud irringrazzja lis-Sindku, lill-ħaddiema tal-Kunsill, lill-San Giljan Aquatic Sports Club u lill-Cavallieri Hotel għall-kollaborazzjoni tagħhom waqt l-attività, kif ukoll lis-Segretarju Ġenerali tal-Aquatic Sports Association of Malta, is-Sur George Farrugia, għall-għajnuna sabiex tkun tista' tiġi reklamata din l-attività fil-media u ma' klabbs oħra. L-ammont li nġabar hu ta €1800 fejn €1000 ngħatat mill-kumpanija Payhound u l-kumplament tal-flus nġabru dakinhar tal-għawma. Ġie deċiż unanimament li l-ammont kollu għandu jingħata lill-Embrace Diversity. Il-Kunsillier Carlo Mifsud ressaq is-suġġeriment li għandu jiġi stabbilit sotto kumitat li għandu jagħmel programm għal matul is-sena kollha rigward l-attivitajiet.

10.3.09 Il-Kunsill ġie nfurmat li s-Sur Max Agius ser jibda jieħu ħsieb l-area ta San Ġiljan u ġie deċiż li l-Kunsilliera għandu jibgħatu s-suġġerimenti tagħhom fir-rigward punti li għandhom jaqgħu taħt Transport Malta u dawn għandhom jintbaghtu lil Transport Malta mill-Kunsill. Il-Kunsilliera għandhom jibgħatu l-punti tagħhom fi żmien ġimgħa fir-rigward dan is-suġġett sabiex umbad jsir rapport u dan jiġi diskuss waqt waħda mil-laqgħat informali li jsir mill-Kunsill. Wara dan għandu jintbagħat lit-Transport Malta.

10.3.10 Fir-rigward ir-Richmond Foundation, il-Kunsillier Gabriel Borg Ferrando nforma lill-Kunsill dwar x'ġara s'issa fuq din il-materja. Il-Kunsill qabel li għandu jitla post fuq Facebook bil-link tar-Richmond Foundation fejn jistgħu japplikaw dirett magħhom kif ukoll għandu jsir *Contact Form* fuq il-website tal-Kunsill li tagħddi dirett għand ir-Richmond Foundation. Il-Viċi Sindku Sean Gauci għandu jipprepara l-post fuq Facebook rigward din il-materja.

10.3.11 Dwar il-proposta tal-Kunsilliera Patricia Camilleri rigward transport intern biex tfal jitwasslu sal-iskola, iċ-Ċermen informa lill-Kunsill li din il-materja ser tkun għand il-Kunsilliera Patricia Camilleri għal-azzjoni neċessarja.

10.3.12 Ġie deċiż li sa' laqgħa oħra, ser ikunu deċiżi l-areas minħabba l-area meetings.

10.3.13 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ta' spjegazzjoni ta' meta għandhom issiru l-laqgħat pubbliċi.

10.3.14 Dwar il-laqgħa mal-infrastructure Malta, fejn attenda s-Sindku s-Sur Guido Dalli, l-Assistant Prinċipal Cher Carmen Fenech u s-Sur Philip Fenech, ċ-Ċermen tat-Towns Committee, ċ-Ċermen ppreżenta r-rapport li bagħat lill-istess Infrastructure Malta dwar dak li ġie diskuss waqt il-laqgħa. Irċivejna risposta mingħand l-Infrastructure Malta ta' l-ittra li bagħtna fejn ingħatajna t-toroq li konna ressaqna fil-passat biex jingħata l-asfalt. Iċ-Ċermen issuġġerixxa li għalissa jkun iktar neċessarju li jitwettqu t-toroq li ġew diskussi fl-istess laqgħa. Fl-ittra li ser tintbagħat, wara suġġeriment tal-Kunsillier Mario Amaira, ġie deċiż li għandha nsemmu ukoll il-Moll tal-Banis, li għandu ħsarat u qiegħed f'bżonn urġenti li jiġi rranġat.

10.3.15 Iċ-Ċermen informa lill-Kunsill li għaddejja l-korrispondenza bejn il-Horizon2000 u Data Science dwar il-proġett tal-computer courses.

10.3.16 Dwar is-suġġett ta' Rigal b'imħabba, l-Kunsill ġie nfurmat li r-rigali li tpoġġew taħt is-siġra ta' Mercury Towers, ingħataw kollha lill-Millenium Chapel sabiex jitqassmu skond il-bżonn.

10.3.17 Iċ-Ċermen ressaq ittra li nkitbet fir-rigward binja li tinsab fi Triq il-Monasteru kantuniera ma' Triq Furtu Selvatico lill-Awtorità tal-Ippjanar. F'risposta mill-Awtorità tal-Ippjanar ġejna nfurmati li din ma taqax taħt ir-responsabiltà tagħhom, għalhekk ntbagħtet ittra mill-Kunsill flimkien mal-ittra li rċivejna mill-Awtorità tal-Ippjanar biex il-Pulizija tieħu l-passi neċessarji. Fil-Kunsill ġie deċiż ukoll li għandu jintbagħat *reminder* ta' ittra li kienet ġa ntbagħtet lill Pulizija fir-rigward id-dar li tinsab fi Triq Sant'Anglu kantuniera ma Triq il-Karmnu peress li din ukoll tinsab f'periklu.

10.3.18 Iċ-Ċermen qara petizzjoni li ntbagħtet mis-Sur Natal Falzon rigward il-festa ta' San Patrizju. Fil-petizzjoni qed jiġi mitlub li għal din is-sena, l-festa tiġi ċċelebrata il-Ħadd 16 ta' Marzu flok it-Tnejn 17 ta' Marzu. F'laqgħa li saret bejn is-Sindku, l-Aġent Segretarju Eżekuttiv, is-supretendent tal-Pulizija u s-Sur Mark Scerri Simiana f'isem l-Awtorità tat-Turiżmu, wara diskussjoni deher li għal ħafna

raġunijiet deher li kien hemm qbil li din għandha tibqa tiġi ċċelebrata fil-jum oriġinali tagħha. Ġie deċiż li kemm l-Awtorità tat-Turiżmu u kemm il-Pulizija, għandhom jirċievu ittra mingħand il-Kunsill dwar din il-petizzjoni u wara l-istess entitajiet għandhom jagħtu rapport għala huma jħossu li din għandha tibqa tiġi ċċelebrata fis-17 ta' Marzu. Wara diskussjoni fil-Kunsill dwar din il-materja, deher li ma kienx hemm qbil meta din għandha tiġi ċelebrata għalhekk ġie deċiż li jittieħed vot. Is-Sindku ressaq mozzjoni fejn talab vot min hu favur li din għandha tibqa tiġi ċċelebrata fis-17 ta' Marzu, fejn erbgħa kunsilliera vvutaw favur li dawn huma is-Sindku s-Sur Guido Dalli, il-Kunsillier Carlo Mifsud, il-Kunsillier Mario Amaira kif ukoll il-Kunsillier Victor Vella, tlett kunsilliera li huma il-Viċi Sindku Sean Gauci, Il-Kunsilliera Patricia Camilleri kif ukoll il-Kunsillier David Caruana vvutaw kontra filwaqt li l-Kunsillier Gabriel Borg Ferrando astjena. B'hekk ġie deċiż, skond il-vot, li din l-attività ser tibqa' fil-ġurnata tat-Tnejn 17 ta' Marzu 2025 u l-ebda permess m'għandu jinħareġ għall-Ħadd 16 ta' Marzu 2025. Il-Kunsill wara li jirċievi r-rapporti mingħand l-Awtorità tat-Turiżmu u l-Pulizija, għandu jinforma lis-Sur Natal Falzon bid-deċiżjoni li ttieħdet.

10.3.19 Fuq punti li kien ressaq il-Kunsillier Mario Amaira:

1. Iċ-Ċermen resaq l-istima sabiex jiġi rranġat id-dawl tal-Knisja tal Balluta u ġie deċiż li din tiġi aċċettata.

2. Dwar is-signs tar-riklami li jinsabu mal-promenade quddiem il-Pjazza tal-Balluta, ċ-Ċermen informa lill-Kunsill li għamel kuntatt mal-kuntrattur ikkonċernat u dan infurmah li ordna bollards li jitpoġġew bejn il-barriers. Il-kuntrattur għandu jinforma lill-Kunsill meta ser jitwaħħlu dawn il-bollards.

3. Il-parkeġġ tal-persuni b'diżabilità tressqu minn faċċata ta' l-Għassa ta' San Giljan għad-Daħla tat-Tigulio, madanakollu nġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill li l-Van tal-Pulizija qed ikun pparkjat fil-kaxxi l-bojod u mhux fil-parkeġġ tal-Pulizija. Għalhekk ġie deċiż li ċ-Ċermen għandu jagħmel kuntatt mas-supretendent tal-Pulizija sabiex il-vetturi uffiċċjali tal-Pulizija jipparkjaw fil-parkeġġi allokati apposta għalihom.

4. Dwar il-latrini pubbliċi, ċ-Ċermen informa lill-Kunsill li l-Awtorità tat-Turiżmu u l-TZRA allokat is-somma ta' ħames t'elef Ewro għal Kunsill sabiex ikun jistgħu jiġu rranġati dawn il-latrini. Iċ-Ċermen ser iġib stima għal-manutenzjoni li hemm bżonn f'dawn il-latrini filwaqt li l-Kunsill qiegħed fil-proċess li jinħareġ tender għaż-żamma tal-latrini pubbliċi.

10.2.20 Il-Kunsill ġie nfurmat li l-ħadid tal-Balluta qed jinbidlu filwaqt li l-ħajt ser jinbidel fi żmien li ġej.

10.3.21 Il-Kunsilliera ġew nfurmati li fl-għeluq tlett snin mill-mewt tal-eks Segretarju Eżekuttiv, nhar il-Ġimgħa 24 ta' Jannar 2025 ser issir Quddies fil-Knisja tal-Balluta fis-6.30p.m.

10.3.22 Iċ-Ċermen informa lill-Kunsill li wara laqgħa li saret mal-perit u mas-surveyor, ġie deċiż li jsir survey ieħor fl-appartamenti fuq l-uffiċini biex jiġi deċiż liema ħitan iridu jiġu imwaqqa' għas-sigurtà tal-post.

10.3.23 Iċ-Ċermen ressaq proposta sabiex issir bye-law fil-lokalita biex ħdejn kull ħanut jew uffiċċju jew *commercial licences outlets* għandu jsir tip ta' ash tray. Il-Kunsill qabel li għandha ssir din il-bye-law u għandha tintbagħat lill-Avukata biex jsir *draft* tal-bye-law.

10.3.24 Iċ-Ċermen ressaq proposta sabiex il-ħinijiet tal-ftuħ għal-pubbliku tal-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill għandu jinbidel sabiex jiġi mit-8.00a.m. sa' 12.30p.m. mit-Tnejn sal-Ġimgħa filwaqt li l-Erbgħa ma jibqax jiftaħ wara nofsinhar għal-pubbliku, s-Sibt għandu jibqa' bl-istess hinn.

10.3.25 Fir-rigward tal-gym tal-Ġnien Spinola, wara diskussjoni ġie deċiż li l-Kunsill jagħti l-approvazzjoni sabiex il-Bulletproof ikun jista' jitkellem mal-kumpanija li ser tisponsorja l-gym iżda l-Kunsill mhux qed jagħti l-approvazzjoni għax-xogħlijiet sakemm issir il-laqgħa mal-Ministeru tat-Turiżmu msemmija iktar il-fuq f'dawn il-Minuti u wara li tittieħed deċiżjoni f'din il-laqgħa, il-Kunsill jiddeċiedi dwar il-gym.

Jekk il-ġnien ser jibqa' kif inhu il-gym jista' jsir però jekk ser issir il-proġett, il-gym ma jistax issir.

10.3.26 Tressqet għal-attenzjoni tal-Kunsill email dwar l-iskema tal-korsijiet tal-Lifelong Learning fejn ġie deċiż li ser jiġu ċċekkjati x'korsijiet ser ikun hemm.

10.3.27 Iċ-Ċermen ressaq email dwar donazzjoni għas-siġar u ġie deċiż li l-Kunsill għandu jieħu l-azzjoni neċessarja sabiex jkollna dawn is-siġar.

10.3.28 Tressqet għal-attenzjoni tal-Kunsill l-invit għall-kunċert li ser issir mill-Banda San Ġiljan nhar is-Sibt 25 ta' Jannar 2025, ġie deċiż li l-Kunsilliera għandhom jinfurmaw lill-Kunsill minn jixtieq jattendi sabiex l-Kunsill ikun jista' jikkonferma min ser jattendi.

10.3.29 Fir-rigward il-korrispondenza dwar il-BCRS, ġie deċiż li l-ewwel il-Kunsill għandu jiċċekkja jekk nistgħux ntellaw din l-informazzjoni fuq Facebook tal-Kunsill, u jekk nkunu nistgħu, ntellawa u navżaw lill-ħwienet jekk jaċċetawx din il-proposta.

10.3.30 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li l-Kunsill jaqbel mal-proposta tal-Street Naming Committee.

10.3.31 Tressqet għal-attenzjoni tal-Kunsill email fir-rigward tħawil ta' siġar għalhekk ġie deċiż li ċ-Ċermen għandu jagħmel laqgħa miegħu.

10.3.32 Iċ-Ċermen informa lill-Kunsill dwar il-laqgħa li ser tattendi l-Kunsilliera Patricia Camilleri fir-rigward *European Capitals of Inclusion and Diversity award.*

10.3.33 Dwar it-talba għal alighting u boarding fi Triq Lapsi quddiem *guesthouse*, ġie deċiż li l-Kunsill ma jaqbilx ma' din il-proposta minħabba li ser inkunu qegħdin niftħu preċedenti rigward dawn il-*guesthouses*. Il-Kunsillier Carlo Mifsud astjena minħabba kunflitt ta' nteress.

10.3.34 Il-Kunsill ġie nfurmat li l-Villa St. Ignatius ġiet skedata.

10.3.35 L-email li l-Kunsill rċieva mid-Dipartiment għal-Gvern Lokali dwar Norway Grant, ġie deċiż li din tintbagħat lill-kunsilliera għal-attenzjoni tagħhom.

10.3.36 Tressqet għal-attenzjoni tal-Kunsill talba sabiex ssir laqgħa biex l-Kunsill ikun jista' jgħin biex tidhol Duolingo bil-malti. Ġie deċiż li l-Kunsill jaċċetta li ssir din il-laqgħa.

**10.4 Approvazzjoni tal-Performance Appraisal Reports tal-Impjegati;**

10.4.01 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill il-perfomance bonus ta' l-impjegati. Il-Performance Bonus tas-Segretarju ser jinqasam bejn is-Sur Malcolm Agius Muscat u Cher Carmen Fenech pro-rata kif kienu fil-kariga, l-Kunsill qabel li għandhom jingħataw il-performance bonus kollu. Filwaqt li l-impjegati kollha għandhom jingħataw il-full performance bonus jiġifieri 6% apparti mpjegat li għaddej minn ċertu problemi li qed jaffettwa lill-impjieg tiegħu għalhekk ser jingħata 3%.

**10.5 Tweġibiet għal-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

10.5.01 Il-Kunsillier Carlo Mifsud ġibed l-attenzjoni dwar is-sitwazzjoni tad-drenaġġ li hemm f'ta' Giorni sabiex tittieħed l-azzjoni neċessarja malajr, filwaqt li għamel proposta flimkien ma San Ġiljan Aquatic Sports Club sabiex jżur l-iskejjel flimkien mas-Sindku biex jħajjru lit-tfal għal-isports tal-waterpolo.

Il-Kunsillier Carlo Mifsud informa lill-Kunsill li ser ikun qed jibgħat rapport fuq l-affarijiet li jixtieq jorganizza matul din is-sena.

10.5.02 Il-Kunsillier Mario Amaira ser jagħmel laqgħa sabiex tiġi diskussa s-sitwazzjoni tal-mażri flimkien mas-sajjieda u persuna mit-Transport Malta.

10.5.03 Il-Kunsillier David Caruana nforma lill Kunsill dwar is-sitwazzjoni ta' Triq il-Fraxxnu sabiex terġa titressaq proposta oħra lil Transport Malta peress li t-trakkijiet ma jdurux għalhekk għandu jerga jagħddi pjanti ġodda lill-Kunsill. Ressaq ukoll il-punt dwar il-karozzi tal-kiri li qed jkunu pparkjati fi Triq Ġorġ Borg Olivier, għalhekk ġie maqbul li l-Kunsill jerġa jibgħat email lill-awtorijiet ikkonċernati ħalli din il-problema tissolva qabel is-Sajf.

10.5.04 Il-Kunsillier Victor Vella telaq fid-9.15p.m.

10.5.05 Il-Kunsillier Patricia Camilleri talbet li tiġi nfurmata dwar l-Lordames App.

**10.6 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets;**

10.6.01 Il-Kunsill ġie ppreżentat bil-Purchase Request Sheets minn Nru. 6420 sa' 6423 (Ara Appendiċi 'A').

10.6.02 Il-Kunsill qabel unanimament mal-approvazzjoni tal-imsemmija Purchase Request Sheets.

**10.7 Skeda tal-Pagamenti**

10.7.01 L-Aġent Segretarju ressaq il-pagamenti tal-kontijiet (Ara Appendiċi 'B').

10.7.02 Il-Viċi-Sindku Sean Gauci ippropona l-approvazzjoni tagħhom.

10.7.03 Il-Kunsillier David Caruana ssekondah fl-approvazzjoni.

**10.8 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**.

10.8.01 Il-laqgħa ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 18 ta’ Frar 2025 fil-5.00p.m.

10.8.02 Il-laqgħa ntemmet fid-9.30p.m.

**Guido Dalli**
**Ċermen**

**Malcolm Agius Muscat**
**Aġent Segretarju Eżekuttiv**

**Data:**